MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru. 89/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J. BORG**

**VS**

**FRANCIS DEGIORGIO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis Degiorgio detentur tal-Karta tal-Identita` numru 172966 (M).

**Akkuzat talli:**

a) Talli nhar it-18 ta` Novembru 2007, fi Pjazza San Filep, Haz-Zebbug, ghal habta tas-13:00hrs, irrenda ruhu komplici ta` delitt billi b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lil awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien ippreparat jew ikkunsmat liema delitt jikkonsisti f`serq ta` stereo tal-ghamla Kenwood minn vettura tal-ghamla Nissan Micra bin-numru tar-registrazzjoni FBE484 ghad-deteriment ta` Edward Baldacchino, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

b) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

c) Aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija fil-Qorti tal-Magistrati, Malta, bhala Qorti Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano nhar it-13 ta` Jannar, 2006, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat il-kunsens tal-AG tad-29 ta` Jannar, 2008;

Wara li rat l-Artikoli 42 (d), 263 (a), 271 (g), 334 (a), 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tikkoncerna s-serq ta` stereo tal-marka Kenwood minn go vettura tal-ghamla Nissan Micra bin-numru ta` registrazzjoni FBE484 ghad-deteriment ta`

Edward Baldacchino bl-aggravji ta` mezz u xorta tal-haga misruqa. Dan is-serq sar fit-18 ta` Novembru 2007 minn gol-pjazza ta` San Filep, Haz-Zebbug. L-awtur principali ta` din is-serqa, Tristan Falzon, diga gie iggustizzjat mill-Qorti Kriminali peress huwa, mill-ewwel, ammetta l-imputazzjonijiet li gew migjuba kontra tieghu.

Illi l-imputat odjern huwa mixli b'komplicita` f'din is-serqa kif ukoll li laqa` ghandu jew kellu fil-pussess tieghu l-haga misruqa.

Illi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, specjalment ix-xhieda tal-Pulizija illi investigat il-kaz minnufih b'manjiera professjonali u sbrigattiva tant li solvew din is-serqa dik l-istess gurnata li sehhet is-serqa, kif ukoll ix-xhieda tad-derubat, Edward Baldacchino, u ta` min xtara dan l-i*stereo* mill-idejn, Philip Sawyer, illi gharaf l-imputat prezenti fl-Awla bhala l-bniedem li beghlu dan l-istereo misruq. Gie wkoll stabilit illi dan l-istess stereo ghandu valur ta` hamsa u sittin Lira Maltija (LM65). Illi importanti hija x-xhieda ta` Tristan Falzon stess illi, fit-28 ta` Gunju, 2012, xehed bil-gurament illi waqt illi kien hu li wettaq is-serqa ta` dan l-istereo, dan huwa ghamlu meta kien akkumpanjat mill-imputat. Huma harbu mix-xena tad-delitt bil-karozza misjuqa minn Tristan Falzon bi *speed* kbir tant illi attiraw l-attenzjoni tal-*by-standers* dak il-hin fil-pjazza.

Gara illi dan l-istess *stereo* hadu l-imputat li, sussegwement, jirrizulta minn xhieda ohra prodotta, bieghu lil Philip Sawyer. Tristan Falzon jixhed illi dan l-i*stereo* ma regax rah u illi l-imputat qatt ma tah sehem mill-prezz ta` bejgh ta` dan l-i*stereo* meta bieghu.

Illi, ghalhekk, dina l-Qorti ma ghandha ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat ghal dan ir-reat u, sussegwement issibu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet li bihom huwa jinstab akkuzat. Tirrizulta

wkoll l-akkuza ta` recediva wara li giet esibita s-sentenza relattiva.

Illi, fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat il-fedina penali tal-imputat, temmen illi piena effettiva ghandha tigi inflitta. Il-Qorti tinnota li l-imputat ghandu sitta u erbghin (46) sena u ilu, almenu, tnejn u ghoxrin (22) sena ibghati bil-problema tad-droga u, konsegwentement, hajja ta` dak illi l-inglizi jsejjhulu *petty crime.* Huwa kien il-habs almenu darbtejn f'hajtu, ghall-perjodi zghar izda jidher illi ma jridx jaf u dan il-Qorti tghidu ghaliex hija ma tinnutax kambjament fil-hajja tieghu. L-imputat ghandu jifhem illi l-hajja ghandha wkoll l-obbligazzjonijiet taghha u, meta wiehed jizgarra, huwa ghandu jhallas lis-socjeta` ghad-dannu u inkwiet illi huwa wettaq.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qiedghha tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta` prigunerija ta` disa` (9) xhur li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li huwa dan taht arrest.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------